MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1219/1991/1

**Avukat Dottor Louis, Arthur, l-ispizjar Frederick, Pantaleone u Marie Therese mart Frank Fenech, ahwa Vella, l-imsemmi Frank Fenech bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnu u bejn martu, l-imsemmi Avukat Dottor Louis Vella bhala mandatarju ta' l-assenti ohtu Josephine mart Sidney Cass u ta' l-istess Sidney Cass ghal kull interess li jista' jkollu, u l-imsemmi Spizjar Frederick Vella bhala mandatarju ta' l-assenti ohtu Matilde mart Walter Simler u ta' l-istess Walter Simler ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2000, stante l-mewt ta' Pantaleone Vella fil-mori tal-kawza, l-atti gew trasfuzi f'isem Dottor Joseph, l-Ispizjara Anna mart it-Tabib Raymond Fenech, Perit Godfrey, Mark, Tabib Denis u Avukat Robert ahwa Vella-Baldacchino.**

**vs**

**Joseph Gatt u b'digriet ta' l-20 ta' Novembru 1996 gie kkjamat fil-kawza Vincent Curmi ghan-nom u fl-interess**
**ta' Christianne mart Umberto Pergola, Corinne armla ta'**
**Robert Ramsay, u Mignon armla ta' Alan Marshall,**
**u b'nota tas-6 ta' Ottubru 1997 l-imsemmijin**
**Christianne Pergola, Corinne Ramsay u Mignon Marshall**
**assumew personalment l-atti tal-kawza billi prezenti f'Malta.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. B'sentenza tat-12 ta' April 2002, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-vertenza bejn il-kontendenti billi, filwaqt li qablet mal-konkluzzjonijiet tal-periti gudizzjarji, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet ta' l-esponenti bl-ispejjez kontrihom;

2. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riferita u dan fuq l-aggravji segwenti:

(i) Illi kif gie verbalizzat mill-Ewwel Qorti stess, ftit hin wara li tat is-sentenza taghha, in-nota ta' kritika, li l-esponenti kienu pprezentaw (kif kienu awtorizzati li jaghmlu) fit-8 ta' Jannar 2002, ma kienetx fil-process, bir-rizultat li l-Ewwel Qorti ma hadet ebda konjizzjoni taghha;

(ii) Illi n-nuqqas gravi tar-Registratur tal-Qrati li jdahhal l-att in kwistjoni fil-process wassal biex l-Ewwel Qorti la saret taf bil-kritika serja li l-konvenuti ghamlu ghar-rapport peritali u lanqas bit-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza halli fost ohrajn, jeskutu lill-perit tekniku;

(iii) Illi disgrazzjatament is-sentenza fuq riferita fiha difett serju iehor li origina wkoll minn nuqqas tar-Registratur. Infatti, fil-mori tal-kawza miet Pantaleone Vella, wiehed mill-atturi, u l-esponenti kienu ghamlu l-procedura mehtiega biex l-atti jigu trasfuzi f'isem is-sitt uliedu, eredi tieghu. Pero' l-okkju tas-sentenza (kif ukoll dak tar-rapport peritali) baqa' l-istess ghax, mid-dehra, ir-Registratur ma ttraskriviex id-digriet relattiv li ordna t-trasfuzjoni mitluba.

(iv) Illi fic-cirkostanzi il-konvenuti appellanti jidhrilhom li hemm lok ghas-sejha fil-kawza tar-Registratur tal-Qrati halli jirrispondi u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha konnessi ma' dan l-appell li l-bzonn tieghu nholoq unikament tort tat-traskuragni grossolana u nuqqas ta' osservanza tal-ligi da parti ta' l-istess Registratur.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li fic-cirkostanzi din il-Qorti joghgobha (a) tordna s-sejha fil-kawza tar-Registratur tal-Qrati halli jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu fuq imsemmija; (b) tordna lill-istess Registratur biex jottempera ruhu mal-ligi u jassigura li n-Nota ta' Kritika fuq riferita tigi mqeghda fil-process u li jigi traskritt id-digriet tat-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq il-mejjet Pantaleone Vella ghal fuq is-sitt uliedu; (c) tannulla, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-sentenza tat-12 ta' April 2002 u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti halli tiehu konjizzjoni tan-Nota ta' Kritika tat-8 ta' Jannar 2002 u taghti lill-esponenti l-opportunita' li jeskutu lill-perit tekniku skond il-ligi. Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell ghak-kariku tar-Registratur tal-Qrati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUT JOSEPH GATT</u>**

3. L-appellat Joseph Gatt wiegeb hekk

Illi l-appellat jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti, basta huwa ma jbati l-ebda parti mill-ispejjez konnessi ma' dan l-appell.

Illi l-esponent jirrileva illi kwantu ghat-tassazzjoni tal-kawza, ma saritx tassazzjoni korretta mir-Registratur dwar it-talbiet attrici ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, liema talbiet jirrikjedu valur.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Fl-appell taghhom il-konvenuti, wara li jghaddu biex jesponu l-aggravji taghhom jaghmlu tlett talbiet lil din il-Qorti, igifieri,

(i) li jissejjah fil-kawza r-Registratur tal-Qorti halli jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu li huma jallegaw li wettaq a detriment taghhom;

(ii) tordna lill-istess Registratur biex jottempera ruhu mal-ligi u jassigura li n-nota ta' kritika (imsemmija fil-korp ta' l-aggravji taghhom) titqieghed fil-process u jigi traskritt id-digriet tat-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq il-mejjet Pantaleone Vella ghal fuq is-sitt uliedu;
(iii) tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti halli tiehu konjizzjoni tan-nota ta' kritika surreferita u taghtihom l-opportunita' li jeskuti lill-perit tekniku skond il-ligi.

5. Tkun utli li tigi investita qabel kollox it-tieni parti tat-tieni talba ta' l-appellanti kif esposta f'para (ii) fil-paragrafu precedenti. Dan il-ghaliex jekk kien hemm trasfuzjoni ta' l-atti u din ma gietx debitament rispekkjata fl-atti tal-kawza jkun ifisser li tezisti mankanza procedurali li trid tigi indirizzata biex tkun tista' tkompli l-kawza.

Ikkunsidrat li mill-atti jirrizulta (ara fol. 370 tal-process) li fl-1 ta' Gunju 2000, kien gie intavolat rikors fl-isem Dottor Joseph, l-Ispizjara Anna mart it-tabib Raymond Fenech, Perit Godfrey, Mark, Tabib Denis u Avukat Robert, ahwa Vella Baldacchino fejn wara li ppremettew li "wiehed mill-atturi fil-kawza" miet – bla ma jsemmu min – pero' waqt li annettew certifikat tal-mewt ta' l-attur Pantaleone Vella u ppremettew li huma uliedu u li kellhom interess li l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isimhom, talbu li l-ewwel Qorti tordna

t-trasfuzjoni ta' l-atti minn fuq isem id-decujus missierhom Pantaleone Vella ghal fuqhom qua eredi tieghu.

It-talba attrici giet akkordata mill-ewwel Qorti b'digriet moghti fis-6 ta' Gunju 2000 pero' minkejja dan l-ebda annotazzjoni fl-okkju u fl-atti ma saret u ebda parti ma gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghal dina l-omissjoni u l-kawza thalliet miexja quddiem l-espert tekniku sakemm finalment giet deciza bl-isem tal-mejjet Pantaleone Vella jibqa' jidher fost l-atturi.

6. Din il-Qorti wara li semghet lill-partijiet u ezaminat l-atti processwali hija tal-fehma li l-ilment tal-parti appellanti jirrizulta u inoltre huwa sanabbli in vista wkoll ta' l-emendi procedurali li gew fis-sehh bl-Att XXIV ta' l-1995 u ohrajn ta' qabilhom li jaghtu s-setgha lill-Qorti li tordna jew tippermetti tibdil li jsir fl-iskrittura, jew jissewwa kull zball anki fi grad ta' appell, f'kull zmien tas-sentenza, inkluz zball fl-isem tal-partijiet – hekk ara artiklu 175 subartiklu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Billi fil-fehma taghha wkoll l-ebda pregudizzju ta' sostanza b'daqstant ma jigi kkagjonat bit-tiswija ta' dan l-izball, din il-Qorti ghalhekk qeghdha tilqa' dana l-aggravju u tordna d-debita annotazzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn hemm il-htiega indikanti t-trazfuzjoni ta' l-atti f' isem is-sitt rikorrenti fuq imsemmija minflok il-mejjet Pantaleone Vella.

7. Din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-ewwel parti ta' l-aggravju kif dedott f'paragrafu (ii) kif fuq imsemmi flimkien ma' l-ahhar aggravju para (iii) cioe' t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata. Dawn l-aggravji qeghdin jigu mistharrga f'daqqa ghax hemm rabta bejniethom u l-ewwel wiehed qed jintuza mill-appellant bhala bazi tat-talba taghhom ghar-revoka.
Ikkunsidrat li l-appellanti qeghdin isostnu li: minkejja li huma kienu gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' kritika mill-Qorti ta' l-ewwel grad u huma ottemperaw rwiehom ma' dan, l-imsemmija nota ma gietx infilzata debitament fl-atti kif tenut li jsir, u dan b'nuqqas, jghidu huma, da parti tar-Registratur, u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza bla ma allura hadet kont ta' dak li kien gie sottomess f'din in-nota ta' kritika.

8. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u sabet (ara fol 391 tal-process) li, in data tal-15 ta’ Ottubru 2001, l-Avukat Dottor Louis Vella f’isem l-atturi talab zmien biex jipprezenta nota ta’ kritika tar-rapport peritali fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u dik il-Qorti akkordatlu zmien xahrejn sat-8 ta’ Jannar 2002 biex jaghmel dan bil-visto tal-kontroparti li nghatatilha zmien sat-8 ta’ Marzu 2002 ghal nota responsiva. Mill-atti ma jirrizultax li din in-nota ta’ kritika giet infilzata fl-atti tal-kawza u l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza fit-12 ta’ April 2002 bla ma jidher li kellha quddiemha l-imsemmija nota. Fil-verbal tat-12 ta’ April 2002 izda gie registrat li wara li giet deciza l-kawza (ara fol 392) deher Dr Louis Vella li nforma lill-Qorti li huwa kien ipprezenta nota ta’ kritika fit-8 ta’ Jannar 2002 u indika, bhala prova tal-prezentata, “cash-number 577/01/2002” u li din in-nota tieghu ma kentix tinsab fil-process. Jirrizulta inoltre li l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi b’rikors tieghu datat 8 ta’ Marzu 2001 (ara fol. 414 tal-process) kien talab estensjoni tat-terminu biex hu, ghan-nom tal-konvenut Joseph Gatt, “jipprezenta nota responsiva ta’ l-attur”. Mhux hekk biss imma fl-istess rikors hemm riferenza ghan-nota ta’ kritika ta’ l-atturi “twila 8 pagni, b’hafna riferenzi ghall-pjanti u jissemma’ hafna kejl, liema nota tirrikjedi ezami akkurat u dettaljat”.

B’digriet ta’ l-ewwel Qorti moghti fl-istess jum li giet emessa s-sentenza taghha, dik il-Qorti wara li rrilevat li t-talba tal-konvenut Gatt ingiebet a konjizzjoni taghha wara li l-kawza jienet giet deciza, hija astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors. Kjarament mis-suespost hemm provi sufficjenti li juru li l-aggravju ta’ l-appellant huwa fondat u li kien minnu li la n-nota ta’ kritika ta’ l-atturi u lanqas it-talba kif imsemmija da parti tal-konvenut Gatt ma kienu ghad-disposizzjoni ta’ l-ewwel Qorti fil-mument li hija giet biex tiddelibera dwar il-kawza u tiddecidiha.

9. Illi indipendentement ghalissa minn min kien jahti ghal dina l-mankanza – meritu ta’ l-ewwel aggravju li dwaru din il-Qorti ghadha ma esprimitx ruhha – jirrizulta sufficjentement li meta l-Qorti giet biex tiddeciedi l-kawza in ezami hija ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha s-

sottomissjonijiet kollha tal-partijiet. Fil-fatt ma hemm l-ebda tismija tan-nota ta' kritika ta' l-atturi jew tar-rikors tal-konvenut Gatt. Dan lanqas ma kien possibli ghaliex l-istess Qorti rrilevat hi stess espressament li sal-mument li hija tat is-sentenza dawn l-atti ma kienux ingiebu a konjizzjoni taghha. Skond l-artiklu 206(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-smiegh tal-kawza jinghadd maghluq bil-kontro replika, kemm-il darba l-partijiet jew l-avukati taghhom ma jkunux imsejha mill-Qorti biex jaghtu spjegazzjonijiet ohra, jew ma jkunx, f'kazijiet specjali, inghata lilhom il-permess li jaghmlu xi osservazzjoni partikolari. Billi f'din il-kawza, meritu ta' dan l-appell, in-nota ta' kritika pprezentata mill-appellanti fit-8 ta' Jannar, 2002 ma ngibitx a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti kif suppost u lanqas del resto jidher li dak li talbet il-kontroparti konvenuta ghal fini ta' sottomissjonijiet minn naha taghha ma tressqu quddiemha, ifisser mhux biss li l-atti tal-kawza kienu monki imma li lanqas biss ma jista' jinghad li, fic-cirkustanzi, kienu tabilhaqq maghluqin. Dan hu bizzejjed, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, biex iwassal ghar-revoka u thassir tas-sentenza appellata u ghalhekk l-ewwel parti tat-tieni aggravju u l-ahhar aggravju ghar-revoka tas-sentenza appellata huma fondati.

10. Ikkunsidrat ulterjorment illi l-appellanti talbu bhala l-ewwel aggravju li in vista ta' dak li gie espost minnhom fir-rikors ta' appell, ghandu allura jissejjah fil-kawza r-Registratur tal-Qorti "halli jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu". Ghalkemm huwa minnu li a tenur ta' l-artiklu 63 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-Registratur huwa, tenut responsabbli ghat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ipprezentat fir-Registru, kif ukoll ghad-dewmien fit-tmexxija ta' dak l-att jew dokument, madankollu xorta wahda ma jidhrilhiex li tali responsabilita', talvolta ppruvata skond il-ligi, ghandha tigi mdahhla fil-kawza meritu ta' dana l-appell. Fi kliem iehor ghalkemm prima facie l-appellanti jidhru li ghandhom bazi li jagixxu kontra r-Registratur, tali pretensjoni trid titressaq u titmexxa f'gudizzju separat minn dak in ezami. Isegwi li t-talba ta' l-appellanti ghas-sejha fil-kawza in ezami ma ghandhiex tigi milqugha, b'dana pero' li qeghda tigi espressament

rizervata lill-appellanti kull azzjoni li huma jidhrilhom opportuna u li jridu jmexxu kontra r-Registratur tal-Qrati.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel talba ta’ l-appellanti ghas-sejha fil-kawza tar-Registratur tal-Qrati (bir-rizerva msemmija fil-paragrafu precedenti); tilqa’ t-tieni talba ta’ l-appellanti billi tordna lill-istess Registratur biex jottempera ruhu mal-ligi billi jara li n-nota ta’ kritika ta’ l-atturi appellanti tigi debitament infilzata fl-atti tal-kawza, kif ukoll li jigi traskritt u annotat fl-okkju u kull fejn hemm bzonn id-digriet tat-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn fuq il-mejjet Pantaleone Vella ghal fuq isem l-appellanti; tilqa’ fl-ahharnett it-talba ghar-revoka u annullament tas-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April 2002 u tirrinvija l-atti quddiem dik il-Qorti halli tiehu konjizzjoni tan-nota ta’ kritika tat-8 ta’ Jannar 2002 u tisma’ ukoll x’ghandha x’tirrispondi dwarha l-kontroparti appellata, u wara li tisma’ ukoll kull sottomissjoni ohra fir-rigward, tiddeciedi l-istess kawza skond il-ligi, b’dan li kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez dan ghalissa jibqa’ pendenti u impregudikat sal-gudizzju li jrid jinghata fl-ewwel lok mill-Qorti ta’ l-ewwel grad.

Deputat Registratur
df